# Kulleġġ San Nikola
Skola Sekondarja Naxxar - Subien

BS Naxxar

Eżamijiet ta' Nofs is-Sena
Frar 2014

**IT-TIELET SENA**

Suġġett: Il-Malti | Livell: Rotta 1 | Ħin: Sagħtejn

Isem ______________________________ Klassi ______________

**A. Silta għall-qari** **(10 marki)**

Aqra sewwa din is-silta u wieġeb.

Il-Pittura tal-Ispiżjar



L-Ispiżjar Micallef kien bniedem qsajjar, irqiq u mkemmex. Mal-ispiżerija, fost l-oħrajn kellu kamra li fiha kien joqgħod ipitter. Huwa ma kellux fama tajba ma' sħabu għax kienu joqogħdu jgħadduh biż-żmien dwar il-pittura tiegħu. (par.1)



L-Ispiżjar darba fettillu jagħmel pittura u rregalaha lill-Professur Calleja. Meta l-Professur wera l-pittura l-ġdida lill-ħbieb tal-Ispiżjar, dawn ma naqsux li jgħaddu kliem ta' tifħir. (par.2)

Iżda issa l-Professur ma felaħx iktar. "Ersqu 'l hawn" qalilhom. "Ħarsu lejn il-firma u taraw l-isem" kompla jisħaq il-Professur. Ilkoll tbikkmu u fehmu li jew l-Ispiżjar għandu tassew is-sengħa għat-tpinġija jew li huma ma jifhmu xejn għalkemm jidhrilhom li jifhmu ħafna. (par.3)

Addattament minn *Frisk bħal Ħassa* ta' Henry Schembri

## Wieġeb



1. Din is-silta hi dwar:

| | | |
|---|---|---|
| furnar _____ | spiżjar _____ | mekkanik _____ |

(marka)

2. Is-Sur Micallef kien raġel __________________ u __________________. (2 marki)

3. L-Ispiżjar kien student ħabrieki u kien iġib marki għoljin fl-eżamijiet. **Veru** jew **Falz**? __________________. (marka)

4. Fil-ħin liberu l-Ispiżjar kien joqgħod jaqra. **Veru** jew **Falz**? __________________. (marka)

5. Kull meta l-Ispiżjar kien juri l-pittura tiegħu lil ħbiebu, dawn kienu joqogħdu (jidħku, jibku, jistagħġbu). (marka)

6. X'tah lill-Professur l-Ispiżjar?

__________________________________________________________________(2 marki)

7. Għaliex il-ħbieb tal-Ispiżjar tbikkmu meta skoprew min kien pittirha? Agħżel **2** minn dawn l-4 tweġibiet.

   a) Fehmu li l-Ispiżjar għandu l-kapaċitajiet ta' pittur.

   b) Il-pittura fakkrithom f'esperjenza kerha li kienu għaddew minnha.

   ċ) Il-Professur ċanfarhom ta' kemm-il darba daħku bit-tpinġijiet tal-Ispiżjar.

   d) Huma rrealizzaw kemm ma jifhmux fl-arti tat-tpinġija.

| | |
|---|---|
| **B. Lingwa** | **(24 marka)** |

(1) Kompli dawn is-sentenzi billi tagħmel <u>sing</u> taħt il-kelma t-tajba, bħal fl-eżempju:

Eżempju: Il-(<u>bejjiegħ</u>, bejjiegħa) kontra x-xerrej. (5 marki)

i. Iż-żejjed ħu n-(nieqes, nieqsa, neqsin).

ii. Tiżloqx fin-(niexef, niexfa, nexfin).

iii. Il-(giddieb, giddieba) _______________ għomru qasir.

iv. Il-mard jidħol (riekeb, riekba, rekbin) fuq id-debba u joħroġ (riekeb, riekba, rekbin) fuq in-nemla.

(2) Kompli dawn is-sentenzi billi tagħmel <u>sing</u> taħt il-kelma t-tajba, bħal fl-eżempju:

Eżempju: Il-kelb il-(<u>mismut</u>, mismuta, mismutin) kull ilma jaħsbu misħun. (4 marki)

i. Il-(miktub, miktuba, miktubin) mhux (maħrub, maħruba, maħrubin).

ii. Pjaċir bla (mitlub, mitluba, mitlubin) nofsu (mitluf, mitlufa, mitlufin).

(3) Agħmel <u>sing</u> taħt il-kelma t-tajba. (5 marki)

i. Marija xrat (żewġ, tnejn) ħobżiet.



ii. Toni ġie fit-(tieni, tnejn) post fit-tellieqa tal-iskola.

iii. Pawlu għandu (tliet, tlett) iklieb.

iv. Aħna nibdew l-iskola fit-(tmien, tmienja) ta' filgħodu u nispiċċaw fis-sagħtejn u (sitt, sitta) minuti.

(4) Aqra u imla l-vojt bil-kliem mill-kaxxa. Ara l-eżempju: (10 marki)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| ħobż | frottiet | tadam | ħobżiet | tadamiet | frott |

Kull filgħodu Toni jmur sal-ħanut biex jixtri l-**ħobż** u xi bżonnijiet oħra. Dalgħodu xtara żewġ ______________ u bħas-soltu ma naqasx li jixtri l-______________ għax hu jieħu ħsieb li jiekol tliet ______________ kuljum. Peress li llejla beħsiebu jagħmel platt ravjul biz-zalza tat-______________ xtara ħames ______________. Mhux ta' b'xejn li sħab Toni joqogħdu jiġbdulu saqajh u jgħidulu li għajnejh akbar minn żaqqu!



**Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)**

Imla l-vojt bil-kliem mill-kaxxa ħalli tkompli dan ir-reklam.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Ejjew | fondi | istudenti | nofsinhar | kotba | fiera |

**Fiera Kbira**

L-istaff flimkien mal-______________ tal-Iskola Sekondarja tas-Subien ta' Kemmuna se jorganizzaw ______________ bil-għan li jinġabru ______________ għat-tfal fil-missjoni. Għal dan il-għan se ssir fiera fejn se jinbiegħu pjanti, ______________, ħwejjeġ u oġġetti utli għad-dar. Mela ejja żurna mill-Ġimgħa 11 ta' Marzu sal-Ħadd 13 ta' Marzu fis-sala tal-iskola mit-tmienja ta' filgħodu sa ______________.

______________ u ħajru lil ħbiebkom!



## D. Letteratura **(24 marka)**

### (1) Proża - Iż-Żerriegħa li ma Gergritx

Agħżel l-aħjar tweġiba mill-kliem li hawn f'din il-kaxxa: (12-il marka)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| qalbu | mietu | żrieragħ | xita | waħda | igergru |

i. F'din is-silta niltaqgħu ma' diversi ż_____________ li kienu għadhom ma nibtux.

ii. Xi wħud minnhom bdew i_____________ għax kienet għadha nieżla x-x_____________ u ma setgħux jinbtu.



iii. Minnhom kollha w_____________ biss għamlet ħilitha u rnexxielha tinbet.

iv. Din iż-żerriegħa ferħet ħafna għax kienet ħajja, però spiċċat waħedha għax kollha kienu laħqu m_____________ qabel ma nibtu.

v. Minn din l-istorja nitgħallmu kemm hu importanti li wieħed ma jaqtax q_____________ meta jkollu xi problema.

### (2) Poeżija – Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti

Imla l-vojt: (12-il marka)

<table>
<tr>
<td>Għall-bejjiegħ<br>tal-gazzetti fuq Kastilja<br>min ma jixtrix<br>ma jeżistix.<br>Iżda<br>hu għandu ommu d-dar<br>u għalkemm gazzetti ma tixtrix<br>u ma taqrax,<br>għax ma tarax,<br>għalih hi kollox<br>u biha<br>id-dinja ma taqax.</td>
<td>i. Din il-poeżija hi dwar il-bejjiegħ tal-g_____________ u l-klijenti tiegħu. <br><br>ii. Min ma jixtrix mingħandu ma j_____________.<br><br>iii. Għalkemm o_____________ ma tixtrix g_____________ għax ma t_____________, hi kollox għalih.<br><br>iv. Hawn naraw l-importanza tal-figura tal-o_____________.</td>
</tr>
</table>

| E. Kitba ta' Sentenzi / Paragrafi | (30 marka) |
|---|---|

1. Qiegħed in-numri **2** sa **6** ħdejn is-sentenzi ħalli tkompli l-istorja. (10 marki)




| | |
|---|---|
| 1 | Il-Bank Nazzjonali tad-Demm qed jappella b'mod urġenti għall-għoti ta' demm lil min għandu d-demm tat-tip "O Positive". |
| | Mela ftakar ... id-demm la għandu sostitut u lanqas jista' jinxtara! Salva ħajja ... agħti d-demm illum! |
| | Wara numru ta' inċidenti li seħħew fil-jiem li għaddew, il-Bank tad-Demm bħalissa għandu biss madwar 24 pinta ta' demm "O Positive" maħżuna. |
| | Importanti li kull min imur jieħu miegħu l-Karta tal-Identità. |
| | Min għandu bejn is-17 u t-18-il sena jkun jeħtieġ l-kunsens tal-ġenituri. |
| | Għalhekk, l-appell hu biex min hu f'saħħtu u għandu bejn it-18 u t-63 sena jmur jagħti dik il-pinta demm li tista' ssalva ħajja. |

2. Ikteb madwar 150 kelma dwar **wieħed** minn dawn. Il-kliem fil-parentesi jista' jgħinek: (20 marka)

**a) Il-bajja favorita tiegħi.**



(Liema hi l-bajja favorita tiegħek? Fejn tinsab? Għaliex togħġbok? Meta tmur? Ma' min tmur? X'toqgħod tagħmel?)

**b) Dakinhar għamilna waħda tinkiteb!**

(Meta ġrat? Ma' min kont? X'ġara? Kif ħassejtek? Kif spiċċajtu?)

**ċ) Il-logħob li nilagħbu aħna l-istudenti fil-brejk.**

(X'logħob tilagħbu? X'taħseb fuq dawn il-logħbiet? Jogħġbuk? X'tibdil taħseb li għandu jsir? Tissuġġerixxi xi logħob ieħor?